XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 451***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 79***
***Il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2012 fis-6:00pm***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:00pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Mr Joseph Vella - Vici-Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

*Marthese Portelli - Assenti*

--------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqgħalet it-Talba.*

1. **Minuti 450**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 450 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

2. **Offerti**

   i. Offerta ta' twaqqigħ u bini mill-ġdid ta' Latrina Pubblika fi Pjazza San Ġwann Battista

   Is-Sindku ddikjarat li għandha interess pekunjarju u għalhekk ħarġet mill-laqgħa f'dan il-mument biex tottempora ruħha ma' l-artiklu 19 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali. Kien preżenti l-Perit Saliba. Il-Kunsill ra l-kampjuni flimkien mal-Perit Saliba. Ġie deċiz li l-kunsill jagħżel l-offerta ta' Simon Sultana – 57,823 fuq l-opinjoni ta' l-espert il-Perit Saliba. Ġie deċiz ukoll li l-item no. 25 ma tingħażilx peress li l-kampjun ma kienx ta' kwalita' tajba. Il-Kunsill iddeċieda li din l-item toħroġ offerta oħra għaliha.

ii. Offerta għall-proviment ta' Sigurta' u saħħa fuq ix-xogħol waqt il-bini tal-Latrina Pubblika fi Pjazza San Ġwann Battista.

Is-Sindku ġiet infurmata li tista' terga' tidħol għal-laqgħa. Is-Sindku regget dahlet ghal-laqgha.

Is-Sindku ddikjarat li għandha interess pekunjarju u għalhekk ħarġet mill-laqgħa f'dan il-mument biex tottempora ruħha ma' l-artiklu 19 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jagħżlu l-offerta ta' Victor Vella ta' 4,600euro.

iv. Offerta għall-instalazzjoni ta' servizzi mekkaniċi u elettriċi fil-bini tal-Latrina Pubblika fi Pjazza San Ġwann Battista.

Is-Sindku ġiet infurmata li tista' terga' tidħol għal-laqgħa. Is-Sindku regget dahlet ghal-laqgha.

Il-Perit Saliba qal li għad m'għandux rapport lest mingħand esperti oħra għalhekk l-Kunsill ma setax jieħu deċiżjoni fuq din l-offerta f'din il-laqgħa.

3. **<u>Villaġġ tal-Milied</u>**

Kien hemm żewġt kwotazzjoniet Anthony Buhagiar -1500euro għal daqs ta tinda 12mX6m VAT eskluz (4 weekends) JPR Tent Sales & Rentals 4,200 ghal daqs ta' tinda 15mX15m VAT inkluz. (6 ta' Dicembru sa 23 ta' Dicembru), 4,620euro VAT inkluz 15mX15m (24 ta' Dicembru sa 23 ta' Dicembru) 5,200 euro VAT inkluz 15mX20m (24 ta' Novembru sa 23 ta' Dicembru)

Il-Kunsill iddeċieda li għandha tingħażel il-kwotazzjoni ta' JPR Tent Sales & Rentals bi prezz ta 4,200euro VAT inkluz.

4. **<u>Approvazzjoni ta' ħlasijiet</u>**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

5. **<u>Triq Indri Borġ</u>**

Kien preżenti Martin Vella li qal lill-Kunsill li qed isofri problema kbira fil-propjeta' tiegħu. Hu kompla jgħid li meta saru s-servizzi tad-drenaġġ u ta' l-ilma, gelgul kbir ta' l-ilma maħmuġ beda dieħel fil-propjeta' tiegħu. Hu tkellem mas-Sindku u mal-kuntrattur u preżenti fil-post kien hemm il-Perit Saliba. Wara diversi testijiet li saru minn naħa tal-Water Services irriżulta li kien drenaġġ tad-dar tal-faċċata tiegħu li ma kienx ġie ikkumnikat mal-fergħa tan-nofs tat-triq u d-drenaġġ tad-dar tal-faċċata kien qed jispiċċa fil-propjeta' tiegħu. Allavolja saret it-tiswija xorta ma' l-ewwel xita l-propjeta' tiegħu għerqet. Hu kompla jgħid li bagħta ħafna ħsara fil-propjeta' u għamel ħafna spejjeż biex jeħles minn dan l-ilma. Hu

reġa' sejjaħ lill-Perit, is-Sindku u l-Kuntrattur iżda l-kuntrattur baqa m'għamel xejn. Il-Perit reġgħa ġie għat-tielet darba u ra l-ħsara li saret. Hu kiteb ittra bil-miktub u qal li jeħtieġ li tinstab soluzzjoni mill-aktar fis ghax qed ibgħati ħafna ħsara u spejjeż. Hu talab lill-Kunsill biex it-tieni kisja tat-tarmak tat-triq quddiem tiegħu ma issirx għalissa qabel isiru x-xogħolijiet necessarji biex tiġi solvuta din il-problema u l-propjeta' tiegħu ma tibqax tegħreq kull darba li tagħmel ix-xita. Is-segretarja għandha tkellem il-Perit Saliba.

## 6. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fid-9:00 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Dr Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |